

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/207**tal-14 ta' Frar 2020****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ikel għall-annimali domestiċi mill-Għarabja Sawdita****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 41(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ⁽²⁾ jistabbilixxi r-regoli li jimplementaw ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009, fosthom il-kundizzjonijiet tas-saħħa pubblika u s-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni tal-ikel għall-annimali domestiċi.
- (2) Ir-rekwiżiti għall-importazzjoni fl-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' ikel għall-annimali domestiċi u affarijiet ta' tgerrim għall-klieb huma stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, kif ukoll il-lista ta' pajjiżi terzi fir-ringiela 12 tat-Tabella 2 tagħha.
- (3) L-awtoritajiet kompetenti tar-Renju tal-Arabja Sawdija taw l-assigurazzjonijiet lill-Kummissjoni li r-Renju tal-Arabja Sawdija jista' jikkonforma mal-kundizzjonijiet tas-saħħa rilevanti u taw garanziji suffiċjenti għall-kontrolli li jwettqu fuq il-produzzjoni ta' ikel għall-annimali domestiċi miksib mit-tjur. Għalhekk huwa ġġustifikat li l-Arabja Sawdija tinżied mal-lista ta' pajjiżi terzi minn fejn l-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi li joriġina mit-tjur jista' jiġi importat fl-Unjoni u jgħaddi bi tranżitu mill-Unjoni.
- (4) Għaldaqstant it-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandha tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 hija emendata skont it-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplementa d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

Fit-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, ir-ringiela 12 hija sostitwita b'dan li ġej:

"12	Ikel għall-annimali domestiċi, inkluż l-affarijiet ta' tgerrim għall-klieb	<p>(a) Fil-każ ta' ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi u ta' affarijiet ta' tgerrim għall-klieb: il-materjali msemmijin fl-Artikolu 35 (a)(i) u (ii).</p> <p>(b) Fil-każ tal-ikel nej għall-annimali domestiċi: il-materjali msemmijin fl-Artikolu 35(a)(iii).</p>	L-ikel għall-annimali domestiċi u l-affarijiet ta' tgerrim għall-klieb iridu jkunu ġew prodotti skont il-Kapitolu II tal-Anness XIII.	<p>(a) Fil-każ tal-ikel nej għall-annimali domestiċi: Il-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jew fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta' laħam frisk mill-istess speċi u minn fejn huwa awtorizzat biss il-laħam bl-għadma. Fil-każ ta' materjali tal-ħut, il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE.</p> <p>(b) Fil-każ ta' affarijiet ta' tgerrim għall-klieb u ikel għall-annimali domestiċi minbarra l-ikel nej għall-annimali domestiċi: Il-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, u l-pajjiżi li ġejjin:</p> <p>(JP) Il-Ġappun</p> <p>(EC) L-Ekwador</p> <p>(LK) Is-Sri Lanka</p> <p>(TW) It-Tajwan</p> <p>(SA) L-Arabja Sawdija (l-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi li joriġina mit-tjur biss)</p> <p>Fil-każ ta' ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi dderivat minn materjali tal-ħut, il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE.</p>	<p>(a) Fil-każ ta' ikel għall-annimali domestiċi fil-landa: L-Anness XV, il-Kapitolu 3(A).</p> <p>(b) Fil-każ ta' ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi minbarra l-ikel għall-annimali domestiċi fil-landa: L-Anness XV, il-Kapitolu 3(B).</p> <p>(c) Fil-każ tal-affarijiet ta' tgerrim għall-klieb: L-Anness XV, il-Kapitolu 3(C).</p> <p>(d) Fil-każ ta' ikel nej għall-annimali domestiċi: L-Anness XV, il-Kapitolu 3(D)."</p>
-----	--	--	---	--	--